



Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

(COM(2025) 230 final — 2025/0154 (NLE))

(C/2026/34)

Relatur: **Mariya MINCHEVA**

Konsulenta	Anna KWIATKIEWICZ (konsulent tar-relatur, Grupp I)
Konsultazzjoni	Kunsill, 26.6.2025
Bażi legali	Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	3.9.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.9.2025
Sessjoni plenarja Nru	599
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	101/3/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja t-fassil mill-ġdid tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi għall-2025 bħala parti mill-pakkett tar-Rebbriegħa tas-Semestru Ewropew, biex iservu bħala bażi għall-proposti tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-oqsma rispettivi.

1.2. Il-KESE jemmen li l-elementi l-ġodda fil-premessi, introdotti fl-2025, jirriflettu sew il-bidliet u l-isfidi li jaffettwaw l-iżvilupp ekonomiku u s-swieg tax-xogħol, rispettivament.

1.3. Il-KESE jinnota wkoll b'mod pożittiv l-inklużjoni ta' referenza għall-miri nazzjonali għall-2030 b'rabta mal-miri ewlenin stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan jippermetti monitoraġġ u valutazzjoni adegwati tal-miżuri meħuda u l-isforzi ulterjuri meħtieġa biex wieħed jibqa' fid-direzzjoni t-tajba.

1.4. Ikun tajjeb li tinżamm it-triq biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-impjiegi sal-2030. Ta' min jinnota li l-livelli ta' impjeg zdieđu aktar f'setturi li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema relattivament kbir. Fl-istess ħin, għad hemm livelli relattivament għoljin ta' inattività fost il-gruppi sottorappreżentati (in-nisa, iż-żgħażaġh, l-anzjani, dawk bi kwalifiki baxxi sa medji, il-persuni b'diżabilità u l-migranti). Dan jeħtieġ aktar sforzi fil-livell nazzjonali bl-involvement adatt tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

1.5. Peress li l-produttività tax-xogħol baxxa b'mod persistenti għandha impatt negattiv fuq il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istandards tal-għajxien, hija kwistjoni ta' urġenza għall-Istati Membri li jregġġu lura din ix-xejra u jipprijorizzaw miżuri li joħolqu kundizzjonijiet għall-kumpaniji biex jinvestu fid-diġitalizzazzjoni u fir-robotizzazzjoni, f'teknoloġiji ġodda, fir-riċerka u l-innovazzjoni, fit-taħriġ u fit-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema. Sistemi ta' negozjar kollettiv li jiffunzjonaw tajjeb jibqgħu strument importanti biex tiżdied il-produttività tax-xogħol u jinstab il-bilanċ it-tajjeb dwar l-iffissar tal-pagi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ekwità u l-kapaċità ta' rispons tal-pagi għall-iżviluppi fil-produttività.

1.6. Il-KESE huwa mħasseb li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom ma laħqux il-miri nazzjonali tagħhom għat-tagħlim għall-adulti sal-2030. Fl-istess ħin, huwa jirrimarka li l-esklużjoni ta' tipi differenti ta' edukazzjoni mhux formali mid-data ma tirriflettix bis-sħiħ ir-realtajiet tal-attivitajiet ta' tagħlim segwiti. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jimplimentaw soluzzjonijiet nazzjonali effettivi fir-rigward tad-dritt għat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja kif previst fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex jindirizzaw l-ostakli u n-nuqqas ta' motivazzjoni għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet.

1.7. L-edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva fil-livelli kollha, kif ukoll forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, huma prerekwiżiti kruċjali għall-kompetittività tal-UE u standards tal-għajxien aħjar. Huma meħtieġa azzjonijiet deċiżivi biex jittejjeb il-livell tal-ħiliet bażiċi u biex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) isiru attraenti, inklużivi u innovattivi, kif ukoll ibbażati fuq il-ħtiġijiet. L-UE teħtieġ mezzi effettivi biex tiżviluppa u tattira talenti STEM u tal-IA. Il-litteriżmu fl-IA għandu jiġi rikonossut bħala kompetenza ewlenija u integrat fi strateġiji usa' ta' tagħlim tul il-ħajja.

1.8. Sfortunatament, il-progress fl-integrazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol mhuwiex biżżejjed. Peress li l-għadd kbir ta' persuni barra mill-forza tax-xogħol jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali, huwa importanti li ssir enfasi partikolari fuq dawn il-gruppi, inklużi dawk minn żoni rurali u b'popolazzjoni baxxa, kif ukoll li jiġu implimentati miżuri biex tittejjeb l-impjegabbiltà ta' persuni barra mis-suq tax-xogħol, speċjalment dawk b'livell baxx ta' ħiliet.

1.9. F'kuntest ta' swieq tax-xogħol li qed jiċkien u livelli baxxi rekord ta' qgħad, il-KESE jappoġġja l-azzjonijiet meħuda minn ħafna servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex issir enfasi speċjali fuq il-miżuri ta' attivazzjoni u enfasi aktar b'saħħitha fuq il-ħiliet u fuq l-appoġġ għall-ħaddiema li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet tal-impjiegi sabiex titrawwem it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Il-KESE jenfasizza li l-fokus għandu jkun fuq iż-żgħażaġh, u biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol.

1.10. Il-KESE jinnota bi tħassib li, minkejja ċerti żviluppi pożittivi, il-progress lejn il-miri nazzjonali biex jitnaqqas il-faqar sal-2030 ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri u se jirrikjedi aċċellerazzjoni sinifikanti matul il-bqija tad-deċennju biex tintlaħaq il-mira tal-UE. Barra minn hekk, il-faqar fost it-tfal għadu għoli b'mod allarmanti. Il-KESE jemmen li strateġiji li jsaħħu l-produttività u li jiġġeneraw l-impjiegi, kif ukoll miżuri effettivi biex jitnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu, appoġġjati minn skemi ta' protezzjoni soċjali adattati għall-kuntesti nazzjonali speċifiċi, huma fattur ewleni biex jiġi indirizzat il-faqar. Biex tinkiseb il-bidla huwa kruċjali li ssir valutazzjoni regolari tal-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali, flimkien mar-rieżami tagħhom fejn applikabbli.

1.11. Il-KESE jenfasizza li, minkejja l-isfidi ġeopolitiċi u l-oġġettivi ta' politika ġodda marbuta mal-preparatezza, is-sigurtà u d-difiża, il-politika ta' koeżjoni trid tibqa' fil-qalba tal-aġenda politika tal-UE u għandha tiġi ffinanzjata sew permezz tal-QFP.

1.12. Il-KESE jfakkar li r-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi tas-suq tax-xogħol, inklużi l-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi, skont il-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali u n-negożjar kollektiv, jibqa' essenzjali. L-Istati Membri għandhom ukoll jaġhmlu użu mill-għarfien espert tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, attivi fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-Linji Gwida dwar l-impjiegi għadhom jagħtu kontribut siewi għall-koordinazzjoni u r-riforma tas-swieq tax-xogħol nazzjonali fil-qafas tas-Semestru Ewropew, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għandhom jappoġġjaw lil xulxin biex iżidu l-kompetittività, il-produttività u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u jipromovu konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, li jistgħu jwasslu għal kwalità tal-ħajja aħjar.

2.2. Il-KESE jappoġġja t-fassil mill-ġdid tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi għall-2025, wara l-aġġornament sħiħ tagħhom fl-2024. B'din ir-reviżjoni ġew inklużi referenzi għall-miri nazzjonali stabbiliti għall-2030, li jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jstabbilixxi l-miri ewlenin tal-UE. Din għamlet enfasi akbar fuq l-implikazzjonijiet tal-avvanzi teknoloġiċi u l-intelliġenza artifiċjali. Barra minn hekk, enfasizzat l-importanza li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, anke permezz tal-migrazzjoni legali biex jiġu attirati t-talent u l-ħiliet minn barra l-UE. Il-KESE jsostni li dan l-approċċ huwa adatt, u fl-istess waqt jirrikonoxxi li l-effetti tar-riformi introdotti għandhom it-tendenza li jsiru evidenti wara ċertu perjodu.

2.3. Il-KESE jallinja ruħu mal-emendi proposti fl-2025, li huma mmirati biex jirriflettu aħjar ix-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel, inklużi elementi ġodda relatati mat-tensjonijiet tal-politika kummerċjali, kif ukoll l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet, il-konverġenza soċjali 'l fuq wara t-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali u enfasi partikolari fuq il-kompetittività.

2.4. Il-KESE jinnota li t-tensjonijiet ġeopolitiċi joħlqu insigurtà ekonomika u soċjali. Il-politika ta' koeżjoni trid tiġi inkorporata sew fil-QFP, inkluż meta jiġu indirizzati objettivi ta' politika ġodda marbuta mal-preparatezza, is-sigurtà u d-difiża.

2.5. Is-Semestru Ewropew issa jallinja wkoll mal-Boxxla għall-Kompetittività, li, kif iddikjarat fil-proposta tal-Kummissjoni, tippovdi qafas biex tingħata spinta lill-kompetittività permezz tal-eliminazzjoni tad-distakk fl-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna, it-tnaqqis tad-dipendenzi eċċessivi, iż-żieda fis-sigurtà, u l-identifikazzjoni ta' faċilitaturi orizzontali li jinkludu l-ħiliet, l-impjiegi ta' kwalità u l-ġustizzja soċjali. Flimkien mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, dan se jgħin biex jinħolqu swieq tax-xogħol aktar inklużivi.

2.6. Il-KESE jieħu nota li l-Linji Gwida huma konsistenti mal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024. Huwa jenfasizza li r-riżorsi limitati disponibbli jeħtieġ li jintużaw b'mod li jimmassimizza l-impatt tagħhom fuq gruppi destinatari u jippromovi swieq tax-xogħol inklużivi, waqt li jitqiesu wkoll il-miri nazzjonali stabbiliti għall-2030. Fil-politiki soċjali nazzjonali jrid jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa għal dixxiplina fiskali u s-salvagwardja tal-investimenti meħtieġa.

2.7. Ir-riformi tas-suq tax-xogħol iridu jitqiesu bir-reqqa u jtfasslu sew bl-involviment sinifikanti tal-imsieħba soċjali u, separatament, tal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, attivi fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u fl-inklużjoni soċjali.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Linja gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

3.1.1. Il-KESE jinnota b'mod pożittiv li, minkejja tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, it-ktabbir fl-impjiegi kien robust bejn l-2023 u l-2024 u fl-2025 u li l-UE għadha fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tar-rata ta' impjeg sal-2030 ⁽¹⁾. Madankollu, it-ktabbir fl-impjiegi kien aktar evidenti f'setturi li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema relattivament kbir ⁽²⁾, u l-UE qed tkompli tħabbat wiċċha ma' rati ta' inattività relattivament għoljin (speċjalment fost il-persuni b'diżabilità ⁽³⁾ ⁽⁴⁾), u rati tal-qgħad fost in-nisa ⁽⁵⁾ u ż-żgħażaġh ⁽⁶⁾ li għadhom ta' tħassib persistenti ⁽⁷⁾. Il-KESE jinnota wkoll li ħafna ħaddiema madwar l-UE għadhom jiffaċċjaw nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi u impjiegi b'paga baxxa, li r-raġunijiet għalihom huma multidimensjonali.

⁽¹⁾ Kummissjoni Ewropea, Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 [mhux disponibbli bil-Malti].

⁽²⁾ Kummissjoni Ewropea, Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 [mhux disponibbli bil-Malti].

⁽³⁾ Fl-2024, ir-rata ta' impjeg tal-persuni b'diżabilità kienet ta' 51,8 %, 24 punt perċentwali inqas mir-rata ta' impjeg ġenerali ta' 75,8 % (Eurostat).

⁽⁴⁾ Ara wkoll Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni b'kapaċità għax-xogħol mibdula (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Ungeriża) (ĠU C, C/2024/6875, 28.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/6875/oj>).

⁽⁵⁾ Rata ta' impjeg ta' 70,8 % għan-nisa meta mqabbla ma' 80,8 % għall-irġiel fl-2024 (Eurostat).

⁽⁶⁾ Ara wkoll Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-trattament ugwali taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 293, 18.8.2023, p. 48).

⁽⁷⁾ Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (15-24 sena) kienet ta' 14,6 % fl-2022 u fl-2023, qabel ma żdiedet bi ftit għal 14,9 % fl-2024 (Eurostat).

3.1.2. Ix-xejriet demografiċi, l-iżvilupp teknoloġiku u t-tranżizzjoni doppja huma xpruni ewlenin ta' dawn in-nuqqasijiet u d-domandi tal-ħiliet. In-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati qed jaffettwa s-setturi kollha ⁽⁸⁾, kemm l-intrapriżi żgħir kif ukoll dawk kbar, inklużi l-intrapriżi soċjali, u qed iwassal għal restrizzjonijiet fuq l-operazzjonijiet ekonomiċi, it-tkabbir, u l-progress soċjali ⁽⁹⁾.

3.1.3. It-tkabbir fl-impjiegi issa jixpruna t-tkabbir tal-PDG aktar mill-produttività fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-KESE jaqbel li produttività tax-xogħol baxxa b'mod persistenti ⁽¹⁰⁾ għandha impatt negattiv fuq il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi ⁽¹¹⁾ u l-istandards tal-għajxien. B'popolazzjoni li qed tonqos, il-mezzi biex tiżdied il-produttività jistgħu jinkludu investimenti fid-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni, teknoloġiji ġodda, riċerka u innovazzjoni, edukazzjoni u taħriġ. Iż-żieda fl-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet hija għodda b'saħħitha biex jiżdied id-dħul u jinħolqu impjiegi ta' kwalità, kif ukoll miżura preventiva b'saħħitha kontra l-esklużjoni, il-marġinalizzazzjoni u l-inugwaljanza.

3.1.4. Peress li l-impjiegi indipendenti ilu jsegwi xejra ta' tnaqqis mill-2022 ⁽¹²⁾, b'varjazzjonijiet bejn il-pajjiżi u s-setturi, il-KESE jenfasizza li jrid jingħata appoġġ għall-impjiegi indipendenti ġenwin u magħżul b'mod volontarju. Barra minn hekk ⁽¹³⁾, għandha ssir enfasi akbar fuq il-ħiliet intraprenditorjali fil-livelli edukattivi kollha u fuq iż-żieda fil-litteriżmu finanzjarju, sabiex tingħata spinta lill-opportunitajiet ta' introjtu, lill-produttività, iżda wkoll lill-iżvilupp tal-karriera.

3.2. *Linja gwida 6: Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u l-kompetenzi*

3.2.1. Il-KESE jinnotta bi tħassib li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom ma laħqux il-miri nazzjonali tagħhom tal-2030 għat-tagħlim għall-adulti ⁽¹⁴⁾. Madankollu, din id-data hija bbażata fuq l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, li jeskludi mill-ġbir tad-data erba' tipi ta' attivitajiet ta' tagħlim mhux formali: sessjonijiet ta' ħidma jew seminars; taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol (perjodi ppjanati ta' edukazzjoni, tagħlim jew taħriġ direttament fuq il-post tax-xogħol, organizzati minn min iħaddem bl-għajnuna ta' għalliem); lezzjonijiet privati. Għalhekk, id-data ma tirriflettix bis-sħiħ ir-realtajiet tal-attivitajiet ta' tagħlim segwiti. L-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, jeħtieġ li jkun involuti fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet nazzjonali effettivi fir-rigward tad-dritt għat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja kif previst fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u, fejn rilevanti f'kuntest nazzjonali, jindirizzaw l-ostrakli u n-nuqqas ta' motivazzjoni għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet.

3.2.2. Il-KESE jappoġġja ⁽¹⁵⁾ l-ambizzjoni li wasslet għall-Unjoni tal-Ħiliet u jenfasizza l-importanza strateġika ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati bħala komponent ewleni għall-kompetittività tal-UE u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar.

3.2.3. Il-ħiliet bażiċi huma kruċjali. Il-livell baxx ta' prestazzjoni fl-iskejjel primarji, li ddeterjora b'mod sinifikanti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ixekkel il-progress fil-VET, fl-edukazzjoni għolja u fit-tagħlim għall-adulti. Il-programmi vokazzjonali spiss ma jkunux aġġornati biżżejjed meta mqabbla mar-rekwiżiti tal-ħiliet li qed jinbidlu. Huma meħtieġa sforzi biex isaħħu r-reputazzjoni tal-VET, biex b'hekk isiru aktar attraenti, inklużivi u innovattivi, inkluż għall-persuni b'diżabilità, u fl-istess waqt jitqiesu l-ħtiġijiet tagħhom.

⁽⁸⁾ In-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema jippersisti partikolarment **fil-kura tas-saħħa, fl-oqsma STEM (b'mod partikolari ICT), fil-kostruzzjoni, fit-trasport, u f'ċerti okkupazzjonijiet ibbażati fuq is-servizzi (eż. koki u waiters)**. In-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-manifattura huwa partikolarment għoli u kompli jkber f'ċerti pajjiżi (Eurofound, European Company survey 2019 [Stħarriġ dwar il-kumpaniji Ewropej]; Kummissjoni Ewropea, Employment and social developments in Europe, 2023: Addressing labour shortages and skills gaps in the EU [Iżviluppi fl-impjiegi u fis-soċjetà fl-Ewropa, 2023: Nindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u d-diskrepanzi fil-ħiliet fl-UE]).

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Unjoni tal-Ħiliet (COM(2025) 90 final) — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi (COM(2025) 88 final) — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM: ħiliet għall-kompetittività u l-innovazzjoni (COM(2025) 89 final) (ĠU C, C/2025/5159, 28.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5159/oj>).

⁽¹⁰⁾ Kummissjoni Ewropea, Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 [mhux disponibbli bil-Malti].

⁽¹¹⁾ It-tkabbir fil-produttività kien ta' 1,4 % bħala medja qabel l-2007, naqas għal 0,8 % fl-2010-2019, u kompli jonqos għal 0,7 % fl-2023 (Kummissjoni Ewropea, Is-suq tax-xogħol u l-iżviluppi fil-pagi fl-Ewropa 2024 [mhux disponibbli bil-Malti]).

⁽¹²⁾ 10,5 % fl-2024 meta mqabbel ma' 11,7 % fl-2022 (Eurostat).

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Unjoni tal-Ħiliet" (ĠU C, C/2025/5159, 28.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5159/oj>).

⁽¹⁴⁾ Minn 37,4 % fl-2016 għal 39,5 % fl-2022 (Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 [mhux disponibbli bil-Malti]).

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Unjoni tal-Ħiliet" (ĠU C, C/2025/5159, 28.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5159/oj>).

3.2.4. Il-KESE jinnota li l-progress fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal kien kajman matul l-aħħar għaxar snin, b'differenzi notevoli fost l-Istati Membri. Mil-lat pożittiv, it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ qed jonqos madwar l-UE, għalkemm għadu sfida, b'mod partikolari fost l-irġiel żgħażaġh. L-indirizzar ta' din il-kwistjoni jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżvilupp tat-tfal, u b'hekk itejjeb il-parteċi-pazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' impjiegi għan-nisa.

3.2.5. Għall-iżvilupp futur tal-ekonomija tal-Ewropa, u biex jiġu eliminati d-diskrepanzi fil-produttività u fl-innovazzjoni huwa meħtieġ livell oġhla ta' ambizzjoni fl-iżvilupp ta' talent tal-aqwa livell fl-ISTEM u l-IA. Il-litteriżmu fl-IA għandu jiġi rikonossut bħala kompetenza ewlenija u jiġi integrat fi strateġiji usa' ta' tagħlim tul il-ħajja. L-edukazzjoni u t-taħriġ, li jrawmu l-inklużività u jattiraw gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari n-nisa, huma importanti.

3.2.6. Il-KESE jtenni li jekk l-Ewropa trid issir aktar attraenti għat-talent globali, teħtieġ proċeduri amministrattivi simplifikati, faċilitazzjoni tal-viża u perkorsi rapidi għal migranti li għandhom ħliet f'setturi strateġiċi, waqt li tiżgura li jkollhom trattament u aċċess ugwali u ekwi għas-suq tax-xogħol tal-UE, u tqis il-potenzjal korrispondenti ta' "eżodu ta' mħuħ" fil-pajjiżi ta' oriġini.

3.2.7. Sfortunatament, minkejja l-progress, in-nisa, iż-żgħażaġh, l-anzjani, dawk bi kwalifiki baxxi sa medji, il-persuni b'diżabilità, u l-migranti għadhom sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, skont il-kuntest speċifiku għall-pajjiż. Il-KESE jaqbel li fil-qafas tal-Unjoni tal-Ħiliet għandha ssir enfasi partikolari fuq dawn il-gruppi, inklużi dawk minn żoni rurali u b'popolazzjoni baxxa. Il-proposta tal-Unjoni tal-Ħiliet għat-tagħlim komunitarju tista' tiġi estiża permezz taċ-Ċentri Komunitarji ta' Tagħlim Tul il-Ħajja li ġew riċerkati mis-Cedefop ⁽¹⁶⁾.

3.2.8. Huwa essenzjali li l-Istati Membri jattiraw aktar nies lejn is-suq tax-xogħol, peress li għadd kbir ta' persuni barra mill-forza tax-xogħol jista' jirrestrinġi t-tkabbir ekonomiku u b'hekk ixekkel il-produttività u l-kompetittività. Dan jista' jinkiseb permezz ta' miżuri strutturali biex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli b'taħlita ta' politiki nazzjonali adatti, eż. il-benefiċċji relatati max-xogħol ⁽¹⁷⁾ biex tiżdied l-impjegabbiltà, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' persuni b'livell baxx ta' ħliet; il-kombinament tal-introjt minn diversi sorsi, bħal xogħol part-time u allowances għat-tfal biex il-ġenituri jiġu mħeġġa jergġhu jidħlu fis-suq tax-xogħol aktar malajr; il-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata permezz ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli u appoġġ għal arranġamenti kuntrattwali diversi għalkemm prevedibbli; u l-iżgurar tal-aċċess għal faċilitaturi trażversali affidabbli u ta' kwalità għolja tas-servizz pubbliku bħat-trasport, is-servizzi tal-kura, waqt li jiġu eliminati l-attitudnijiet diskriminatorji u jingħata appoġġ għal miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità ⁽¹⁸⁾.

3.3. Linja gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

3.3.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-tnaqqis fil-qgħad fit-tul madwar l-UE, speċjalment fl-Istati Membri bl-oġhla rati. Madankollu, il-parteċi-pazzjoni fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għadha tvarja ħafna bejn l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, ir-rwol tal-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi tas-suq tax-xogħol permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv jibqa' essenzjali. L-imsieħba soċjali għandhom rwol ewleni biex jipproponu soluzzjonijiet speċifiċi fil-livell adatt (nazzjonali /settorjali /kumpanija).

3.3.2. Il-KESE jaqbel ⁽¹⁹⁾ li l-konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tista' tkun kruċjali wkoll għall-ħolqien ta' politiki effettivi u inklużivi.

3.3.3. Fil-kuntest ta' livelli baxxi ta' qgħad, il-KESE jilqa' l-isforzi li saru minn ħafna servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jagħmlu enfasi akbar fuq il-miżuri ta' attivazzjoni u enfasi aktar qawwija fuq il-ħiliet u fuq l-appoġġ għall-ħaddiema li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet tal-impjiegi biex irawmu t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u jħeġġeġ lil oħrajn jagħmlu dan. Il-KESE jenfasizza li l-fokus għandu jkun fuq iż-żgħażaġh, u biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hija kruċjali.

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Unjoni tal-Ħiliet" (ĠU C, C/2025/5159, 28.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5159/oj>).

⁽¹⁷⁾ L-OECD tiddefinixxi l-benefiċċji relatati max-xogħol bħala krediti tat-taxxa permanenti kontinġenti fuq ix-xogħol, benefiċċji tat-taxxa jew skemi ekwivalenti ta' benefiċċji kontinġenti fuq ix-xogħol, imfassla bl-għan doppju li jtaffu l-faqar fost dawk li jaħdmu u jżidu l-inċentivi tax-xogħol għal ħaddiema bi dħul baxx.

⁽¹⁸⁾ Linji Gwida dwar l-Impjiegi 2025 [mhux disponibbli bil-Malti].

⁽¹⁹⁾ Kummissjoni Ewropea, Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 [mhux disponibbli bil-Malti].

3.4. Linja gwida 8: Nippromovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, imrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

3.4.1. Il-KESE jappoġġja bis-shiĥ l-isforzi biex jiġu promossi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, swieq tax-xogħol inklużivi u biex jiġu attirati aktar ħaddiema lejn l-impjieg jew attivitajiet professjonali. Swieq tax-xogħol inklużivi issa huma saħansitra aktar kruċjali minħabba n-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema u l-pressjoni fuq il-baġits pubbliċi.

3.4.2. Minkejja l-kriżijiet reċenti li kellhom impatt fuq is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-UE (il-kriżi tal-COVID-19, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, l-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja), il-faqar naqas ⁽²⁰⁾. Madankollu, il-progress lejn il-miri nazzjonali biex jitnaqqas il-faqar ivarja b'mod sinifikanti minn Stati Membri għal ieħor. Dan huwa partikolarment minnu għall-faqar fost it-tfal, li għalkemm ġeneralment stabbli għadu għoli flivell allarmanti, minkejja tnaqqis żgħir fl-2023. Il-KESE jemmen li strateġiji li jsaħħu l-produttività u li jiġġeneraw l-impjieg kif ukoll miżuri effettivi biex jitnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu, appoġġjati minn skemi ta' protezzjoni soċjali, huma fattur ewlieni biex jiġi indirizzat il-faqar. Valutazzjoni regolari tal-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali, flimkien mar-rieżami tagħhom fejn applikabbli, hija kruċjali biex jinkisbu bidla u kwalità tal-ħajja aħjar. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol kruċjali fil-ġlieda kontra l-faqar.

3.4.3. Il-KESE jinsab imħasseb li l-faqar fost dawk li jaħdmu fl-UE kien ogħla fost iċ-ċittadini mhux tal-UE (22,5%), dawk li twieldu barra mill-UE (18,5%), il-ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni (18,4%), l-impjegati part-time (12,6%), il-ħaddiema temporanji (12,6%) u l-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti (10,0%) ⁽²¹⁾. Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa kwistjoni kumplessa, li tirrikjedi approċċ olistiku. Sabiex jiġi miġġieled il-faqar fost dawk li jaħdmu, huma meħtieġa miżuri bħal politiki attivi tas-suq tax-xogħol, edukazzjoni u taħriġ, appoġġ għall-ħolqien ta' impjieg ta' kwalità, pagi ġusti f'konformità mal-iżviluppi fil-produttività u akkomodazzjoni affordabbli. Il-kundizzjonijiet abilitanti għan-negozjar kollettiv huma wkoll miżura effettiva.

3.4.4. Id-demografija tippreżenta sfidi sinifikanti għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-kapaċità tagħhom li jiżguraw skemi tal-pensjoni adegwati u fiskalment sostenibbli u kura fit-tul. F'dan il-kuntest, meta jitqiesu l-mudelli u l-prattiki nazzjonali differenti, ir-rwol tal-imsieħba soċjali u n-negozjar kollettiv, huwa importanti, fil-livell nazzjonali, li jiġi vvalutat u, fejn rilevanti, żviluppat ir-rwol tal-pensjonijiet supplimentari biex jikkomplementaw l-iskemi tal-pensjonijiet pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-litteriżmu finanzjarju huwa importanti biex l-individwi jkunu jistgħu jifhemu aħjar forom oħra ta' appoġġ supplimentari għall-introjtu għall-irtirar tagħhom ⁽²²⁾.

3.4.5. Huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali, inklużi d-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-kwalità tal-kura fit-tul, li huma aggravati wkoll min-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

⁽²⁰⁾ Fl-2023, l-għadd ta' dawk li jesperjenzaw riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali naqas b'703 000 meta mqabbel mal-2022, u b'1 571 000 meta mqabbel mas-sena bażi 2019. Dan l-aħħar qari tad-data jirrappreżenta t-tieni sena konsekuttiva ta' tnaqqis, wara perjodu ta' stabbiltà matul l-2018-2021, Rapport Konġunt dwar l-Impjieg 2025.

⁽²¹⁾ Kummissjoni Ewropea, Rapport Konġunt dwar l-Impjieg 2025 [mhux disponibbli bil-Malti].

⁽²²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Il-litteriżmu u l-edukazzjoni fil-qasam finanzjarju għall-Ewropej (opinjoni esploratorja mitluba mill-Kummissjoni Ewropea) (ĠU C, C/2025/5149, 28.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5149/oj>).